MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Appell Civili Numru. 45/2002/1

**Mark u Doriette mizzewgin Aquilina**

**vs**

**Joseph u Josephine mizzewgin Catania**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Ottubru, 2004, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra r- rikors ta' Mark u Doriette mizzewgin Aquilina fejn jesponu b' rispett:-

L- intimati jikru l- fond minghand l- esponenti ir- remissa b' gardinetta maghha, numru 3, Sqaq numru 4, Triq il-parrocca, Mqabba, bil- kera ta' sebghin lira (Lm 70) fis-

sena jithallas b’ sena quddiem, l- ewwel skadenza fit- 18 ta’ Ottubru 2002.

L- esponenti jridu dan il- fond ghax ghandhom bzonnu biex iniffduh mar- residenza taghhom sabiex izidu kamra tas- sodda ohra u kamra tal- banju.

L- intimati naqsu mill- obbligi taghhom lokatizzji li jiehud hsieb il- fond, mentri jinsab zdingat, fi stat hazin hafna u qed jintuza biex l- intimati izommu klieb u xi tiegieg.

L- intimati, li joqghodu fil- post sovrastanti bini li jmiss mal- gardina tar- remissa, u jhares ghal go l- istess gardina, ghamli li l- ima tal- bejt taghhom minflok ma jmur god- drenagg kif kine jaghmel jghaddi permezz ta’ katuzi li wahhlu fil- gardina ghal- go bir ta’ fond vicin, u b’ hekk dan il- fond tal- esponenti gie aggravat b’ dik il- katusa li eventwalment tista’ tifforma servitu.

Ghalhekk l- esponenti bir- rispett jitolbu li dan il- Bord joghgbu jawtorizzhom jirriprendu pussess tal- imsemmija remissa bil- gardinetta numru 3, Sqaq numru 4, Triq il- Parrocca, Mqabba, meta jiskadi it- tigdid tal- kiri korrenti, u ghal dan il- fini jiffissa terminu qasir u perentorju ghall- izgombrament tal- intimati; bl- ispejjez.

Ra r- rispesta ta’ Joseph u Josephine Catania fejn jesponu b’ rispett:

Illi t- talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl- ispejjes billi l- allegazzjonijiet minnu mressqa fir- rikors promotorju huma nfondati fil- fatt.

Illi mhux minnu illi l- fond huwa fi stat hazin kif allegat u mhux minnu li l- esponenti ghabbew il- fond b’ xi forma ta’ servitu.

Illi wkoll, r- rikorrenti kienu jafu x’ kienu qeghdin jixtru u ghalhekk l- element tal- bzonn ma jistax jigi mressaq kontra l- esponenti.

Sema x- xhieda bil- gurament.

Ra l- atti u d- dokumenti kollha.

Ra d- digriet tieghu tas- 17 ta’ Mejju 2002 li bih gew mahtura periti teknici l- AIC Frederick Valentino u l- AIC John Sciberras.

Ra r- relazzjoni ta’ l- imsemmija Periti.

Sema t- trattazjoni ta’ l- avukati tal- partijiet.

Ra l- verbal tat- 23 ta’ Gunju 2004.

Ikkonsidra,

1. L- ewwel kawzali tar- rikorenti hi msejsa fuq bzonn:

“L- esponenti jridu dan il- fond ghax ghandhom bzonnu biex iniffduh mar- residenza taghhom sabiex izidu kamra tas- sodda ohra u kamra tal- banju.”

2. Il- partijiet jaqblu li l- fond hu mghamul minn remissa u gnien, li m’ humiex ir- residenza ta’ l- intimati. Jaqblu li hu fonti belti. Ghalhekk huwa mhares mill- ligi specjali li tapplika ghal kull ‘premises’ imfissra bhala “any urban immovable property.” La hu dar fejn jghammar xi hadd u lanqas hanut. Igawdi ghalhekk ‘anqas harsien’ u tapplika ghalih biss l- ewwel parti tal- artikolu 9(b) li tghid “jekk sid il- kera jkun irid il- fond (barra minn hanut) ghalih innifsu jew ghall- axxendent jew dixxendent tieghu mid- demm jew miz- zwieg, jew ghal huh jew ghal ohtu…. “billi l- kliem li jigi wara li dahal bl- ordinanza XXI tal- 1942, bil- limitazzjonijiet hemm mghamula, huma applikabbli biss ghal djar ta’ abitazjoni. (ara ‘Micallef vs Mifsud’, App., 6 ta’ Gunju 1994 u ‘Scicluna vs Savona’, App. 29 ta’ Mejju 1995). F’ kaz bhal dan il- minimu li titlob il- ligi hu li s- sid jipprova li ghandu certu grad ragonevoli ta’ bzonn u mhux biss semplici xewqa jew preferenza, b’ dan pero’ li m’ hemmx ghalfejn jipprova necessita’ assoluta. (ara ‘Ganado vs Mizzi’, 20/1/1964; ‘Pisani vs Bugeja’ 21/2/64; ‘Debattista vs Preca’, 20/03/78; ‘Curmi et vs Sciortino’,

16/10/81; ‘Sultana vs Mamo’, 23/3/83; ‘Azzopardi vs Spiteri’, 18/1/84; ‘Cristina vs Micallef’, 12/11/84; ‘Tanti vs Caligari’, 3/12/84; ‘Cassar Torregiani noe vs Ellul’, 28/6/84; ‘Zammit vs Gatt’, 4/2/85; ‘Zammit vs Sant’, 15/3/02.

3. Il- piz tal- prova hu fuq is- sid, ikun xi jkun il- fond (ara ‘Muscat vs Dingli’, 24/2/97; ‘Cauchi vs Bartoli’, 2/6/00).

4. “Bzonn li ghandu ivs bhala fatt jirrizulta, li ma jkunx wiehed kapriccjuz imma li mhux mehtieg ma kienx mehtieg li jkun relatat ma’ xi kriterju partikolari. Infatti ma japplikawx …. konsiderazzjonijiet ta’ hardship u l- paragun bejn it- tbatija tas- sid jekk ma jirriprendix il- pusses tal-fond u dik ta’ l- inkwilin jekk jigi zgumbrat ma jregiex….” (‘Borg vs Breckon’, App. 24/1/97)

5. Ir- rikorrent xtara l- fond fejn joqghod, dar ‘tipikament antika’ (fol 7A) f’ Mejju 1997. Jghid li d- dar fiha difett ghax daqxejn zghira u s- sid qaltilhom wara li ghamlu xi xoghol fid- dar u l- fond ‘de quo’ kienu haga wahda li wara nqasmet b’ wirt. Ir- rikorrent wieghed li jesebixxi kopja tal- kuntratt ta’ l- akkwist imma dan ma ghamlux. Imma jirrizulta li xtara id- dar fejn joqghod u l-fond in kwistjoni f’ daqq u mir- ricerki tan- Nutar irrizulta li dawn il- fondi u iehor kienu ta’ l- istess sid. Ir- rikorrent kien jaf x’ qed jixtri, kif kien jaf li fil- fond kien hemm in-nies. Ir- rikorrent ha s- sogru meta xtara zewg fondi biswiet xulxin ghax wiehed kien vojt u wiehed kien mikri. Mir- relazzjoni tal- periti (li maghhom ikkonsulta ruhu l-Bord) jirrizulta li l- fond tar- rikorrenti hu kbir u l- arja tal-bjut tista’ tintuza kuntrarju ghal dak li jghid ir- rikorrenti li d-dar hi zghira u giet zghira meta rrangawha. Il- Bord hu tal-fehema li billi d- dar hi ta’ certu pregju ir- rikorrenti jixtiequ jaqduha mar- razzett u mal- gardina biex tigi kif kienet u mhux ghax ghandhom bzonn ikabbru. Huma jidhrilhom li l-gardina u r- razzett ikunu isbah jekk jinghaqdu ma darhom kif darhom tiehu dehra aktar saviha jekk tigi wahda kif kienet zmien ilu. Dan ma jikkostitwix il- bzonn kif imfisser fil- gurisprudenza fuq imsemmija. Ir- rikorrenti ghandhom

din ix- xewqa, ippruvaw jaslu ma' l- intimati imma dawn talbuhom kumpens kbir u wara sar dan ir- rikors.
Il- Bord ghar- ragunijiet imsemmija jichad it- talba tar- rikorrenti imsejsa fuq 'bzonn' billi dan ma giex pruvat.

6. It- tieni kawzali tar- rikorrenti hi ksur tad- dmirijiet taghhom bhala kerreja kif dettaljatmament imfisser fir- rikors. Il- periti jeskludu ghal kollox li l- fond jinsab fi stat zdingat u fi stat hazin hafna. Bil- kuntrarju l- fond jinsab u hu mizmum fi stat tajjeb hafna. Il- Bord ihoss li fuq din il- haga ghandu joqghod fuq dak li qalu l- periti teknici li dahlu fir- rapport tal- Perit Montesin u li l- Bord rega ddiskuta maghhom il- kaz.

7. Ir- rikorrenti jghidu kif tista' tigi mahluqa servitu' bil- ghamil tal- intimati. Kerrej ma jistax johloq servitu' bl- imgieba tieghu u dannu tas- sid kwistjoni ta' jedd personail u reali. Jirrizulta li l- intimati ghamlu giebja u ghamlu katusa tal- plastik biex l- ilma jinzel ghal go fiha. Qabel l- ilma mehtieg kien jingieb minn barra. Il- gardina tehtieg l- ilma. Ghalkemm l- intimata hi evaziva fix- xhieda taghha dan it- tibdil sar ghal ahjar godiment tal- fond. Haga li l- kerrej seta jghamel minghajr il- permess tas- sid. (ara Appell 'Grech et vs Muscat et', 10/10/03 u Appell mill- Bord – Ghawdex 'Vella et et Grech', 14 ta' Lulju 2004) fejn il- Qorti dahlet fil- fond dwar tibdil strutturali u gabret il- gurisprudenza in subiecta materia. L- istess jinghad ghal kwistjoni dwar id- drenagg u l- kwistjoni ta' ftuh tat- tieqa. Huwa minnu li fil- fond jinzammu xi annimal imma minn imkien ma jirriuzlta li kien hemm xi ftehim li ma jinzammx annimali. Haga ta' sikwiet fl- irhula qodma li jinzamm xi annimali l- aktar meta tigi konsiderata n- natura tal- fond. Ir- rikorrenti ghamlu ilmenti ohra dwar hsara fix- xhieda taghhom. Strettament dawn m' humiex imsemmija fir- rikors li hu dettaljat hafna. Imma xorta l- periti ma sabu ebda hsara barra dak li ser jinghad. L- intimata tghid li hemm ix bini li qed jinzamm bl- injam imhabba hsara. Il- periti jghidu biss li 'sezzjoni mis- saqaf li huwa revokat pjuttost minhabba l- antikita tal- binja, b' saqaf tax- xorka u d- deffun.' L- intimata tghid li meta dahlu fil- fond diga' dan is- saqaf kien hekk. Ma jistax jinghad fi stat tal- provi

prodotti li hemm ‘hsara kbira’ htija tal- kerrej. Jinghad li fir-rikors ma jissemma xejn dwar dan.

8. Il- Bord jichad ghalhekk it- talba msjsa fuq il-kawzalijiet imsemmija fit- tielet u r- raba’ paragrafi tar-rikors.

Jirrizulta li r- rikorrenti qed jaqilghu kollox biex jiehdu dan il- fond f’ idejhom ghax huwa tipikament Malti u darba kien parti mad- dar fejn huma joqghodu. Min- naha l- ohra l-intimata fix- xhieda tara ki tigbed lejha kemm jista’ jkun.

9. Ghar-ragunjiet moghotija l- Bord jichad it- talbiet tar- rikorrenti. Tnejn minn tlieta (2/3) ta’ l-ispejjez jithallsu mir- rikorrenti, wiehed minn tlieta (1/3) mill-intimati. Il-Bord jibqa’ jittama li l-partijiet jilhqu ftehim kif kien ser jaghmlu qabel ma dahlu l-Qorti.”

Bl-appell minnhom interpost fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza, ir-rikorrenti sidien jirribadixxu illi z-zewg kawzalijiet minnhom imressqa ghat-tehid lura tal-pussess tal-fond lokat lill-intimati gew minnhom ippruvati. Dawn iz-zewg kawzalijiet gew minnhom maghmula jikkonsistu fi: (i) ksur tal-kondizzjonijiet lokatizji u (ii) il-bzonn;

Ir-rikorrenti appellanti huwa s-sidien ta’ dar antika fl-Imqabba li fiz-zmien kienet tikkomprendi wkoll remissa, bil-gardina maghha, tenuti b’ lokazzjoni mill-intimati. Huwa dawn l-ambjenti li bl-azzjoni taghhom l-appellanti qed jippretendu li jiehdu lura;

Fid-deposizzjoni tieghu a fol. 22 *et sequitur* ir-rikorrenti Mark Aquilina jaskrivi lill-kerrej tieghu diversi vjolazzjonijiet tal-pattijiet lokatizji, allegatament kommessi. Skond hu, dawn jikkonsistu f’ saqaf miksur, ringiela xorok maqsumin, nuqqas ta’ tibjid, tibdil ta’ katusa, il-holqien ta’ servitujiet bhal ftuh ta’ tieqa u medda ta’ *pipes* traversanti l-gardina biex l-ilma tax-xita mill-bjut tal-fond ta’ l-intimati jingabar f’ giebja ta’ wiehed gar, deterjorament tal-bieb ta’ barra tar-

remissa, nuqqas ta’ kultivar tal-gardina u s-sens generali ta’ zdingar fil-fond. Ghall-korroborazzjoni ta’ l-ezistenzi ta’ dawn id-deficjenzi u nuqqasijiet ir-rikorrenti esebixxa sett ta’ ritratti (fol. 11) u gie prodott ukoll rapport tal-Perit Franco Montesin (fol. 9), konfermat minn dan fix-xhieda tieghu a fol. 19. Ghall-ikkompletar tal-kwadru ghandu jigi osservat illi l-membri teknici tal-Bord jikkonfutaw ir-rapport tal-precitat arkitett billi fuq il-verifiki taghhom jaffermaw illi l-gardina kienet mizmuza sew, “evidenza ta’ attivita` u harsien kontinwu ghal perijodu ta’ zmien” (ara rapport taghhom a fol. 37 *et sequitur*). Dawn il-verifiki saru minnhom f’ Lulju 2002, jigifieri hames xhur wara r-rapport tal-Perit Montesin. Rinfaccjat b’ dan ir-rapport, redatt fis-26 ta’ Frar 2003, ir-rikorrenti jallega li l-intimati kienu ghamlu diversi xoghlijiet ta’ repristinar wara l-intavolar tal-kawza. (Ara Affidavit tieghu a fol. 45 prezentat fis-7 ta’ Lulju 2003). Jigi notat li meta xehed l-ewwel darba (seduta, 3 ta’ Gunju 2002) l-istess rikorrenti ma ghamel ebda accenn ghal tali xoghlijiet;

Premess dan, ma tezisti ebda kwestjoni illi dmir primarju ta’ kull inkwilin hu dak li jmanti kif jixraq u b’ mod adegwat il-fond lilu mikri. Huwa obbligat li, fejn jokkorri, jaghmel il-manutenzjoni necessarja u ma jaghmel ebda abbuz. Dan ghall-ahjar harsien tad-destinazzjoni tal-fond u l-evitar ta’ dannu li jista’ jikkomprometti u jippregudika l-interessi tas-sid;

Meta, bhal f’ dan il-kaz, tinsorgi sitwazzjoni fejn sid jallega li l-proprjeta` tieghu, lokata lil haddiehor, mhix indukrata sew il-prova dwar dan tinkombi lilu. Il-gudikant irid imbaghad iwiezen din il-prova ma’ provi ohra processwali attendibbli, kompriz ir-rapport tal-membri teknici tieghu, biex jassikura jekk dik il-prova, inkombenti fuq ir-rikorrenti, kienetx tissodisfah. Dan dejjem, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita`, konsistenza u verosimiljanza ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu;

Kif gja nghad il-provi huma kontrollabbli mill-gudikant u f' dan il-kaz il-Bord deherlu li kellu joqghod fuq il-konstatazzjonijiet u accertamenti maghmula mill-membri teknici tieghu bhala li dawn jikkorrispondu aktar ghal dik il-verita tal-fatti li kull tribunal hu aspettat li jirricerka. Fuq dan il-punt din il-Qorti rriezaminat il-kwadru generali ta' dawk l-istess fatti akkwiziti mir-rizultanzi istruttorji u ssib li ma ghandhiex tiddisturba bla bzonn il-motivazzjoni tal-Bord. Dan anke fil-kaz ta' dawk l-elementi l-ohra incidentali, relattivi ghall-kwestjoni tas-servitujiet u tibdiliet fil-fond mikri;

Kwantu ghall-aspett tas-servitujiet hi, qabel xejn, disposizzjoni car tal-ligi, ex-Artikolu 465 tal-Kodici Civili illi servitu li l-kerrej ikun halla li tigi ezercitata fuq il-fond, minghajr ebda titolu li kien jezisti minn qabel, ma tkunx ta' hsara ghal sid il-fond, ikun kemm ikun iz-zmien li fih is-servitu tkun giet ezercitata. Ara **Kollez. Vol. XXIV P I p 658**. Korrelatat, imbaghad, ma' dan, hemm il-fatt li dak li jidher li sar mill-intimati kien ghall-ahjar godiment minnhom tal-fond. Kif saput, mhux l-alterazzjonijiet jew modifikazzjonijiet kollha ncidenti fuq l-integrita` tal-fond mikri, una volta rispettata n-natura u d-destinazzjoni tieghu, iggib vjolazzjoni ta' l-obbligu mqieghed mil-ligi a kariku ta' l-inkwilin li juza l-haga bid-diligenza tal-*bonus paterfamilias*. Dejjem jokkorri li jigi accertat fil-konkret l-entita` tal-modifiki u valutat l-effetti taghhom ghall-iskop li jigi stabbilit jekk effettivament saretx dik l-alterazzjoni apprezzabbli bi ksur tal-kuntratt lokatizju u bi pregudizzju tas-sid. Fil-fattispeci partikulari, dan ma jidherx li hu hekk il-kaz. Il-bdil fil-katusi jidher li sar ghaliex dawn kienu ddeterjoraw bl-uzu u bi zmien, u l-medda taghhom minn fuq il-gardina kien intiz biex l-ilma tax-xita ma jintilefx u jigi rakkolt f' giebja ghall-utilita` tal-kultivazzjoni ta' l-istess gardina. Fil-kumpless din il-Qorti, bhall-Bord qabilha, ma tarax li l-appellanti waslu b' mod perswasiv biex jikkonvincu lil ghandu jigi ordnat l-isfratt ta' l-intimati inkwilini fuq din il-bazi;

Kawzali ohra tar-rikorrenti, li fuqha maggorment impernjaw l-appell taghhom, hi dik tal-bzonn. Huma jsostnu li rnexxielhom jippruvaw illi dan il-bzonn kien wiehed impellenti biex ikollhom kamra tal-banju aktar spazjuza u kamra tas-sodda ghal binhom li f' gheluq il-proceduri kellu sentejn;

M' hemmx ghalfejn jigi ripetut, anke ghaliex dan hu ormai ferm assodat f' gurisprudenza kostanti, illi anke fil-kaz ta' remissa jew *garage* ghall-uzu domestiku, u mhux protetti bhal "hanut", sid il-fond li jkun irid jirriprendi l-pussess ta' fond bhal dan irid jipprova l-bzonn. Kif rilevat f' bosta sentenzi, sa ricenti, ma huwiex bizzejjed li s-sid ikun irid jew jixtieq jiehu taht idejh fond lokat lil haddiehor, imma jehtieg li juri ghas-sodisfazzjon tal-gudikant illi tassew ghandu bzonnu. L-istipiti ta' din l-enuncjazzjoni fuq il-kuncettt tal-bzonn, affermata fis-sentenzi kollha li segwewha, kienet id-decizjoni fl-ismijiet "**Anthony Saliba -vs- Mary Caruana**", Appell, 28 ta' Mejju 1962 (**Kollez. Vol. XLVI P I p 254**). Fiha nghad illi "huwa car li l-kelma '*requires*' fl-Artikolu 10 (b) tal-Kap 109 (illum Artikolu 9 (b) tal-Kapitolu 69) tindika bzonn, mhux semplici xewqa jew preferenza". Issokta jinghad fiha illi dan il-bzonn irid ikun ta' grad ragonevoli u, fuq kollox, *bona fide*, u mhux wiehed kapriccjuz. Ghaldaqstant meta jkun jidher mill-kuntest illi s-sid ma ghandux, jew ma lahaqx il-prova mistennija minnu ta' dan il-grad ragonevoli, biex wiehed jissellef mis-sentenza "**Chev. Capt. Ronald Smith -vs- Wanda armla Terreni**", Appell, 20 ta' Mejju 1963 (**Kollez. Vol. XLVII P I p 299**), "l-inkwilin ma ghandux jigi disturbat fid-dgawdija tal-fond mikri lilu ghad kwalunkwe zgumbrament igib *hardship* lill-izgumbrat u jrid ikun gustifikat";

Jitnissel minn dan kollu illi l-gudikant ma ghandux, lanqas fil-kaz ta' fond mhux protett bhala hanut jew dar ta' abitazzjoni, jiddeciedi leggerment izda ghandu, invece, jara jekk fic-cirkostanzi tal-kaz it-talba tar-ripreza fuq din l-bazi hijiex wahda verament genwina. Dan, dejjem, bl-iskop primarju ta' dik il-gusitizzja li trid, fejn il-kaz hekk

jirrikjedi, li jigu evitati dislokazzjonijiet u nkonvenjenzi bla bzonn;

Fil-kawza "**Salvu Scicluna -vs- Rosario Maria Savona**", Appell, 29 ta' Mejju 1995, trattasi ta' *garage* ghall-uzu privat is-sid kien hemm iddikjara li ried il-fond ghal uliedu. In sede appell huwa nsista illi fuq il-bazi ta' dak li xehed quddiem il-Bord dan kellu jibbasta biex iwassal ghall-konkluzjoni li huwa ghamel il-prova sufficcjenti tal-bzonn. Ma' dan, dik il-Qorti ma qabeltx u, anzi, irriteniet illi "billi xehed li kellu bzonn il-fond ghal uliedu ... huwa ma lahaqx il-grad tal-prova li l-ligi tirrikjedi minnu fis-sens li dan il-bzonn hallih nebuluz hafna u b' mod li ma jikkonvincix lil din il-Qorti";

Bil-kontra ta' dak il-kaz, hawnhekk ir-rikorrenti appellanti specifikaw il-bzonn ghalxiex riedu jiehdu lura l-fond. Il-Bord, pero`, ma hassx li r-rikjesta taghhom ghal din ir-raguni kienet wahda verament genwina izda merament xewqa indotta mill-pregju tad-dar u biex jergghu jintegrawha mad-dar taghhom, kif hekk kienet is-sitwazzjoni u l-qaghda tal-fondi qabel ma ssuccediet il-qasma materjali u nholqu zewg fondi separati;

Issa huwa veru dak senjalat mill-appellanti illi c-Chairman tal-Bord ma ghandux joqghod fuq dak li jghidulu l-membri teknici tieghu wara konsult maghhom fil-privat u li ma jkunx jirrizulta mill-atti. Anzi hu konsiljabbli li prattika bhal din tigi evitata. Dan ghar-raguni ovvja li l-partijiet in kawza ma jkunux f' qaghda li jikkontrollaw u, allura fejn jokkorri, jikkritikaw ukoll, dak li jkun inghad fil-privat. B' danakollu, f' dan il-kaz, anke jekk din il-Qorti tinjora ghal kollox kull konsult bhal dan jew sussurramenti u nformazzjoni mhux kaptata mill-atti, xorta wahda ma tarax illi fic-cirkostanzi prevalenti x-xorta ta' "bzonn", suggerita mill-appellanti, ma kienetx qed isservi wkoll bhala skuzanti biex dak li ma ntlahaqx bi ftehim bonarju bejn il-partijiet (ara Affidavits tar-rikorrenti fol. 44 u fol. 46) jintlahaq *noles volens* per via gudizzjarja. Mhux accettabbli ghal din il-Qorti illi wiehed

jinqeda bi pretest bhal dan, u zgur li fejn il-Qorti tissuspetta ragonevolment li dan hu hekk il-kaz ma ghandhiex tghaddi biex tesawdixxi t-talba.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez ta' l-appell kontra r-rikorrenti appellanti. Dawk tal-Bord jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------